MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Appell Civili Numru. 66/2003/1

**Alfred Zammit**

**vs**

**Anton Attard**

**Il-Qorti,**

Fil-25 ta' April, 2007, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "Il-Qorti:-
>
> Rat li l-attur ipprezenta avviz fir-registru ta' din il-Qorti fejn talab lil din l-istess Qorti prevja dikjarazzjoni li s-servizz ta' Ahbarijiet bil-filmat intitolat "kundanna" fuq l-Ahbarijiet ta' l-istazzjoni tat-televizjoni NET TV ta' nhar il-Hamis tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2003 tat-tmienja neqsin kwart ta' filghaxija ta' liema stazzjon l-konvenut huwa

editor, huwa libelluzz u malafamanti fil-konfront tieghu u li esponieh ghad-disprezz u ghar-redikolu tal-pubbliku, u dan sabiex l-konvenut ihallas lill-attur dik is-somma li talvolta tifissa din il-Qorti f'ammont li ma jeccedix LM5000 bhala danni ghall-malafama b'applikazzjoni tal-Artikolu 28 tal-kap 248.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut minn issa ngunt in subizzjoni.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut Attard prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar il-hdax ta' Marzu 2003 fejn eccepixxa li dak li gie mxandar mhux libelluz billi jammonta ghal *'fair comment'*.

Rat l-affidavit tal-attur esebit fl-atti permezz ta' nota prezentata fir-registru ta' din il-Qorti nhar t-tmienja ta' Mejju 2003.

Illi minn ezami ta' dan l-affidavit jirrizulta s-segwenti:-

1. L-attur spjega illi nhar id-dsatax ta' Jannar 2003, il-Partit Laburista organizza l-ewwel Mass Meeting tieghu bhala parti mill-kampanja tar-Referendum. Huwa kien il-prezentatur f'din l-attivita flimkien ma ohrajn. F'hin minnhom waqt li kien fuq il-palk fil-vicinanzi fuq bejt ra persuna b'flixkun f'idejha u talabha mill-boghod fejn kien sabiex inehih minn hemm ghaliex dehrlu li seta kien ta' periklu. Din il-persuna ma setghetx tisimghu minhabba l-hsejjes li kien hemm ghalhekk nizel minn fuq il-palk u baqa' tieghla fuq dan il-bejt. Il-persuna li kienet hemmhekk fuq talba tieghu minnufih nehhiet il-flixkun minn idejha.

2. Illi sadanitant ma kienx jaf x'gara pero sar jaf aktar tard fil-ghaxija wara li kienu cemplulu xi nies li fuq l-Ahbarijiet tan- Net Televixin kienu gabu xi akbar dwar mohqrija fuq fenek minn xi persuni li kienu fuq bejt fit-triq fejn sar il-Mass

Meeting. Gie infurmat li fis-servizz li gie imxandar kien deher fuq il-bejt ezattament wara li l-filmat kien qed juri dawk il-persuni involuti fl-incident tal-fenek.

3. Sussegwentement sar jaf li l-incident kien sehh hafna qabel ma huwa kien tela' fuq dan il-bejt biex inehhi l-flixkun. Illi minn ra dak li gie mxandar fuq in-Net fl-ahbarijiet ha l-impressjoni li huwa kien involut f'dan l-incident. Huwa ghalhekk ra dan is-servizz u rrizultalu li kien hemm zewg zaghzagh li dehru jsabtu ma hajt dak li deher fenek, u dan ezattament wara l-filmat tieghu fuq il-bejt fejn sehh l-incident, liema bejt kien l-istess wiehed minn fejn gie elevat il-flixkun. F'dan l-istess filmat il-kummentatur qal 'illi l-pulizija tista facilment titlob l-ghajnuna ta' Alfred Zammit li aktar tard deher fuq l-istess bejt..' Dan meta huwa ma kellu x'jaqsam xejn ma dan l-incident u li huwa mar fuq il-bejt in kwistjoni ghal haga totalment differenti, u ghal liema incident kien totalment estraneju. Aktar tard ukoll jinghad fil-filmat li l-pulizija kienet qed tinvestiga l-incident.

4. Gara li precizament l-ghada fil-erbgha w ghoxrin ta' Jannar 2003 kien baghat ghalih l-ispettur Miruzzi biex ighin il-pulizija fl-istharrig taghha. Dan sehh ezattament hamest ijiem wara dan is-servizz fuq l-Ahbarijiet. Spjega li wara dan l-incident kien qed jiltaqa' ma nies u dawn ighidulu 'ara dak tal-fenek'. Huwa cahad li kellu x'jaqsam ma dan l-incident.

Illi nhar il-hamsa w ghoxrin ta' Mejju 2006 l-attur xehed in kontro-ezami u qal illi l-video gie edited u dan fis-sens illi gew maqbuzin xeni izda anke l-ordni kronologika tax-xeni giet imbaghbsa, anzi spjega illi illi ma sarx tbaghbis fis-sens illi xena giet pogguta qabel xena ohr abiex ma nzammitx l-ordni kronologika. Fisser li effettivament kien hemm xi siegha li gie maqbuz ghax il-film gie editjat u allura fejn saret xena fejn kien hemm il-

fenek u imbaghad deher hu u b'hekk l-osservatur ma jindunax li kien ghadda siegha bejn iz-zewg xeniet. Jghid illi huwa sar jaf bix-xena tal-fenek wara li kien ra l-Ahbarijiet u mhux qabel. Qal li x-xena tal-fenek kienet sehhet xi siegha qabel ma beda l-meeting u huwa ma kienx ghadu wasalfuq il-post in kwistjoni.

**Mario Coleiro** prodott mill-attur xehed nhar it-tmintax ta' Gunju 2003. Huwa stqarr li huwa impjegat ma' l-istazzjon tat-televixin Super One u jghamel xoghol in relazzjoni ma programmi li dikk l-istazzjon ikollha. Ikkonferma li l-attur huwa habib tieghu kif ukoll kontributur ta' dan l-istazzjon Super One.

Ikkonferma li kien prezenti mal-attur nhar it-tlieta w ghxorin ta' Jannar 2003 ghal Mass Meeting tal-Partit Laburista ghaliex effettivament kienu involuti fl-organizazzjoni tal-Meeting. Ikkonferma ukoll li f'xi hin huwa u l-attur lemhu bniedem fuq bejt bi flixkun tal-hgieg f'idejh u l-attur nizel minn fuq il-palk sabiex imur ikellem lil din il-persuna u jghidlu biex inehhi il-flixkun minn idu. Fl-ebda hin ma ra lill-attur b'xi fenek f'idejh jew hdejh waqt li kien fuq dan il-bejt. Xi jiem wara pero sar jaf bl-allegazzjoni tal-incident tal-fenek.

Ikkonferma in kontro ezami li ghalkemm waqt il-meeting kien mal-attur kien hemm xi zmien meta l-istess attur ma baqax taht ghajnejh. Pero jghid li sakemm dam fuq dan il-bejt, huwa kien f'kuntatt kontinwu mieghu permezz tal-mobile waqt li kien qed ihares lejh mid-distanza li kien u ma ra xejn li ghandu x'jaqsam ma xi fenek. Fuq il-bejt dam xi ghaxar minuti. Naturalment ma setax jeskludi jekk aktar tard tela fuq dan il-bejt pero ma jahsibx li kien il-kaz.

Nhar it-tmintax ta' Frar 2004, l-attur ipprezenta dokument u cioe video recording ta' dak li gie

mxandar dak in-nhar tat-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 2003 (fol.27).

**Charlo Farrugia** prodott mill-attur xehed nhar it-tmintax ta’ Frar 2004 u qal li jiftakar l-incident tal-fenek. Stqarr illi huwa kellu f’idejh fenek mejjet . Qal li imbaghad siegha wara l-incident tal-fenek kien sejjahlu l-attur u huwa ma setax jifhmu u ghalhekk mar hdejh biex ikelmu waqt li kien fuq bejt fil-vicinanzi u dan qallu biex inehhi il-flixkun li kellu fuq cint. Jiftakar li dak in-nhar kien hemm il-Meeting tal-Partit Laburista. Qal li meta l-attur mar hdejh ma kellux il-fenek f’idejh kien diga tefghu go xkora.

Spjega li dak in-nhar tal-Meeting huwa kien fuq il-bejt t’ommu fejn irabbi l-fniek u jumejn qbel il-Meeting kien mietlu fenek. Il-fenek kien iebes u huwa kien fuq dan il-bejt meta xejjer il-fenek u l-attur ma kienx hdejh. Qal li xejru ghaliex kien ftit xurban u ried jiccelebra. Ikkonferma pero li l-attur tela’ hdjeh meta kwazi kien spicca il-Meeting.

Illi nhar it-tmintax ta’ Frar l-attur ipprezenta permezz ta’ nota fir-registru ta’ din il-Qorti l-afidavit ta’ Rita Borg. **Rita Borg** fl-affidavit taghha tghid li meta hija kienet qed tara l-Ahbarijiet fuq Net Televixin inhasdet meta rat lill-attur fuq bejt flimkien ma xi zaghzagh u tisma in-*newscaste*r ighid xi kliem fuq mohqrija ta’ l-annimali waqt attivita politika ghaliex fehmet li l-attur kellu x’jasam maghha.

Qalet li hija tahdem ma l-attur u flimkien gili tellghu xi programmi edukattivi sabiex ma jsirx mohqrija tal-annimali bil-ghan li jrawmu l-kultura ta’ mhabba lejn l-annimali. Kien ghalhekk li hija inhasdet meta semghet l-ahbar in desamina ghaliex hasbet li kien ser jitlef ir-reputazzjoni li kellu. Hija ghalhekk minnufih cemplet lill-attur u staqsietu x’fettillu li assocja ruhu ma dik il-mohqrija. Huwa imbaghad

kien spjegalha x’kien gara u li ma kellu x’jaqsam xejn ma dik il-mohqrija.

Nhar is-sebgha w ghoxrin ta’ April 2005 dehret **Joanna Spiteri** prodotta mill-attur u stqarret li hija tahdem fil-*monitoring department* tax-Xandir. Hija pprezentat kopja tax-xandira tan-news tat-tmienja neqsin kwart tat-tlieta w ghoxrin ta’ Jannar 2003 imxandar fuq in-Net TV.(fol. 38).

Ikkunsidrat.

In materja t’ provi r-regoli li l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma s-segwenti.

1. Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta’ l-esistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (*actori incumbit proatio*), sija fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt mibjub minnu biex jikkontrasta il-pretiza ta’ l-attur (*reus excipiendo fit actor*) Ara Kollez. **Vol. XLVI P1 p5**;

2. Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista’ joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax,kif jinghad, ‘*jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima faccie li t-tezi ta’ l-attur hija sostenuta.’(Kollez.* ***Vol. XXXVII p I p 57***;

3. Il-gudikant adit mill-mertu tal-kaz hu tenut jiddecidi *iuxta et probata*, u dan jimporta illi d-decisjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkostanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta’ l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat.

4. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi siggettaghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata moticazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hseib logiku segwit fuq appell intrpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita', kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata lanqas minn Qorti ta' revizjoni. Ara b'esempju Kollez.Vol. P1 p104;

Ferma din l-introduzzjoni l-Qorti, bla dubbju l-kwistjoni hawn sottomessa hija essenzjalment wahda li tiddependi mill-valur u mill-kredibilta lit rid tinghata lill-provi istruttorji. Valutazzjoni din li necessarjament trid tkun wahda globali fil-kwadru ta' investigazzjoni unitarju u organiku.

Illi mill-provi prodotti mill-attur li mhumiex kontestati mill-konvenut jirrizulta li nhar it-tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2003 l-Istazzjon tan- Net TV xandar parti mill-Mass Meeting li kellu l-Partit Laburista pero ghamel enfasi fuq dak li ghamel terza persuna fuq bejt privat tieghu li xejjer fenek mejjet u immedjatament wara gabet fuq l-istess bejt l-persuna tal-attur li kien organizzatur f'dan il-Meeting fuq ix-Xandira sabiex b'hekk it-telespettatur jahseb li l-attur kien qed jassocja ruhu ma dak l-att fahxi. Fil-fatt ix-xandira bdiet *b'head line* mohqrija tal-annimali. In oltre ix-xandira tkompli u tistieden lil min hu responsabli sabiex jiehu passi kontra min ghamel dan l-att. Jirrizulta mill-filmat li ma kienx l-attur li xejjer il-fenek pero zgur li jirrizulta ukoll li mid-daqqa

t'ghajn l-attur kien qed japprova dak li kien qed jigri. Meta mix-xhieda tieghu jirrizulta li huwa ma kienx hemm meta sehh dan l-att u dan il-fatt ma giex kontradett. In oltre li huwa kien tela' fuq dan il-bejt sabiex igieghel persuna tnehhi flixkun li kien ta perikolu ghan-nies. Konsegwentement l-attur vermanet ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni tal-mohqrija tal-annimali.

Mix-xhieda li ressaq l-attur u cioe mix-xhieda ta' Rita Borg jirrizulta li t-telespettatur fehem lil-attur kellu involvement f'din ix-xena. Jirrizulta bic-car li kien Ciarlo Farrugia li xejjer il-fenek mill-bejt tad-dar ta' ommu waqt li kien hdejn shabu u dan kif ammess minnu stess fix-xhieda li ta l-Qorti.

Mhemmx dubbju li imputazzjoni ta' Kommissjoni ta' reat,tant li l-attur jghid li baghat ghalih l-ispettur tal-pulizija Miruzzi biex jinvestigah fuq dan il-fatt hi kjarament fatt serju hafna jekk il-fatt ma jirrizultax provat aktar u aktar meta l-persuna li lejha tkun diretta tkun persuna pubbika mgharfa fis-socjeta u aktar u aktar meta bhal fil-kaz in ezami tkun qed torganizza Meeting Politiku maghmul bil-ghan li jistieden il-fiducja tal-elettorat fl-elezzjoni tar-referendum li kienet ser issir ftit wara.

L-awtur **<u>Gatley on Libel and Slan</u>der** ighid li "*In Grey Jones, Atkinson J after review of the relevant authorities decided that words imputing a criminal offence are actionable on the grounds that words imputing a criminal offence are actionable on the ground that the charge is of such a character as to be likely to cause other persons to shun the person defamed and to exclude him from society rather than on the ground that they put him injeopardy of a criminal prosecution".*

L-istess awtur irravisa s-segwenti kondizzjonijiet biex l-eccezzjoni tal-*'fair comment'* tkun tista tigi sostnuta:-

*"1. It must be based on facts contained in or referred to in the publication complained of:*
*2. The facts must be sufficiently true to make the comment fair:*
*3. If the comment contains an imputation of corrupt or dishonest motives or perhaps any inference of fact the comment must be shown to be justifiable.*
*4. The comment be such as fairly to be described as criticism.*
*5. The comment must represent the honest opinion of the commentator and he produced it without malice" (*ara pagna 707 et seq) .

Din il-Qorti tirritjeni illi l-konvenut naqas illi jipprova illi l-fatti li dwarhom ikkummenta kienu sostanzjalment veri. "*In order to give room for the plea of fair comment, the facts must be truly stated. If the facts upon which the comment purports to be made do not exist, the foundation of the plea falls."*Issa fil-fatt that ezami l-fatt uniku addebitat lill-attur hu li kien involut f'mohqrija tal-annimali. Fil-verita l-imputazzjoni ta fatt ma kienitx sempliciment illi l-attur kien involut f'incident infelici izda li kien involut ffil-qtil ta fenek u li xejru waqt Mass Meeting sabiex jipprova jiehu l-attensjoni tal-Pubbliku gha dan iz-zufjet. Tant ma hux minnu dan il-fatt li l-attur sahansitra anke ressaq xhud li x-xhieda taghha ma gietx kontestata li huwa itella programme edukattivi fuq it-televixin sabiex jeduka lin-nies sabiex ma jahqrux l-annimali. Ghalhekk m'hemmx dubju li f'dan il-kaz il-fatt huwa inveriteir u ghalhekk il-konvenut qatt ma seta jeccepixxi d-difiza tal-'fair comment'.

Il-Qorti tifhem u tapprezza l-htiega ta' kummenti hielsa dwar dak li jintqal fil-pubbliku u cioe li jigi imxandar fuq televixin u li min jitfacca fil-pubbliku irid ikun preparat jittollera xi hwejjeg li fil-privat ma jittollerax u certament li taqbel mal-massima illum maghrufa li '*facts are sacred, comment is free'*.

Imma imbaghad il-Qorti ghandha d-dmir li taghraf il-limiti ta’ fejn il-liberta ma tibqax helsien izda issir licenzja ghax il-kumment ma jibqax ‘fair’ u l-fatti ma jibqghux fatti. Dan ghaliex jekk hemm xi perikolu ta xi konsegwenzi koroh, il-haga ikollha iktar minn stalletta fid-dlam milli cajta fid-dawl.

Kif intqal fis-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili nhar id-dsatax ta’ Jannar 1996 gie ritenut li; ‘*Il-linja medjana fejn proprju d-dritt ta’ espressjoni libera taccedi lil dik ragonevoli u ghandha tigi punita ghax issir minflok ksur tad-drittijiet ta’ hadiehor, huwa proprju… fejn l-espressjoni hija bbazata fuq fatti skoretti. F’dan il-kaz jonqos il-professjonalismu u l-istharrig serju u minflok jidhol gurnalizmu bbazat fuq allegazzjonijiet u ajdut li ma jirrispettawx il-fatti.’*

F’dan il-kaz pero ma kienx nuqqas ta stharrig serju izda l-konvenut ghandu jinzam responsabli li mar oltre ghaliex fil-fatt huwa bil-editting li ghamel tal-vieo cassette li ittiehet dak innhar waqt il-Mass Meeting li l-messag li pprova jibghat lis-socjeta kien wiehed l jipprova ihammed u jimmalafama lill-attur.  Huwa ghalhekk l-att volontarju tal-editting li ingurja r-reputazzjoni tal-attur.

Ghall fini tal-iffissar tad-danni l-Artikolu 28(1) tal-Kap 248 ihalli diskrezzjoni wiesgha, sa massimu ta’ hamest elef lira Maltija (LM5,000) (vide “**Ernest Tonna vs Felix Agius” (**Citaz. Numru. 1755/97RCP deciza nhar 21 ta’ April 1999) u tenut kont tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz u cioe dak li intqal fil-paragrafu antecidenti, din il-Qorti sejra tillikwida d-danni fl-ammont ta’ elf lira Maltin (LM1,000).

GHALDAQSTANT ghal dawn il-motivi dinil-Qorti taqta’ u tiddecidi, billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-, tilqa t-talbiet attrici b’dan illi:-

1. Tiddikjara illi l-konvenut immalfama lill-attur bix-xandira li dehret fuq l-Istazzjoni Net televixin nhar il-Hamis tlieta w ghoxrin ta' Jannar 2003".

2. Tikkundanna konsegwentement lill-konvenut ihallas lill-attur l-ammont ta' elef lira Maltin (LM1,000) li qed jigu likwidati minn din il-Qorti ghal dan l-iskop ghat-tenur ta' l-artikolu 28(1) tal-Kap 248 tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjes kontra l-konvenut.**"**

B'mod generali fl-appell tieghu l-konvenut jikkuntesta s-sentenza ta' l-ewwel Qorti fis-sens li din ghamlet interpretazzjoni erroneja tal-fatti u naqset milli tapplika l-ligi kif imiss. Fl-elaborazzjoni tieghu fuq dan l-aggravju l-konvenut jissottometti illi l-ewwel Qorti ma interpretatx sewwa l-kliem li ntqal fix-xandira illi "l-pulizija tista' facilment titlob l-ghajnuna ta' Alfred Zammit li aktar tard deher fuq l-istess bejt fejn kien hemm imdendel fenek minn qasba b'habel". Barra minn hekk naqset ukoll milli tikkummenta dwar il-konnessjoni ta' dan l-incident mal-persuna tal-Prim Ministru u dik tal-presunzjoni li kienet taghmel il-presenza ta' l-attur fuq dak il-bejt. Dejjem fuq l-istess ton l-appellanti jilmenta wkoll illi l-ewwel Qorti ma tatx importanza illi d-dritt ta' l-espressjoni libera kellu jiehu s-sopravvent fuq drittijiet ohra u mhux jigi relegat ghall-eccezzjoni. In tema ta' dritt, imbaghad, jissottometti illi kien hemm dejjem disponibbli ghall-attur ir-rimedju prevvist fl-Artikolu 21 tal-Kapitolu 248 minflok dik ta' l-azzjoni odjerna;

Kif ghandu jirrizulta mill-atti l-konvenut appellanti ghazel li jiddefendi ruhu bl-eccezzjoni tal-*fair comment*. Fuq dan il-punt gja nkiteb bosta u jinsab adegwatament trattat fi skorta ta' decizjonijiet. Essenzjalment, illi biex tirnexxi din l-eccezzjoni "jehtieg illi l-iskrittur ikun ikkummenta u hareg konkluzjonijiet minn fatti minnu esposti li jkunu veri u kompleti, b' mod li l-qarrej ikun f' konjizzjoni kompleta tac-cirkustanzi li minnhom ikun gie dedott il-kumment jew l-

opinjoni ta' min jikteb, biex hekk il-qarrej ikun fil-posizzjoni li jaqbel jew le mad-deduzzjoni li jkun ghamel l-iskrittur a karigu ta' hadd iehor.  Ara fost ohrajn, "**Onor. Mabel Strickland -vs- Joseph Micallef Stafrace**", Appell Kriminali, 29 ta' Settembru, 1959 u "**Angelo Fenech *proprio et nomine* -vs- Anthony Montanaro *et nomine***", Appell Civili, 21 ta' Jannar, 1993.  Linejarment ma' dan issokta jigi ritenut illi "meta n-narrazzjoni tal-fatti ma tkunx vera, jew tkun inkompleta f'parti rilevanti ghall-kumment, l-istess kumment isir allegazzjoni ta' fatt li, jekk ma jigix provat, meta dan ikun permess, jibqa' a kariku ta' min jaghmlu" ("**Dr. Henry Copperstone *et nomine* -vs- Publio Schembri**", Appell Kriminali, 18 ta' Marzu, 1961);

Jittraxxendi minn dan, b'applikabilita` ghall-fattispeci tal-kaz in ezami, illi l-eccezzjoni moghtija kellha sservi biex jigi kkonstatat jekk dik il-parti tax-xandira televisiva li fiha ntwera l-attur u sar il-kumment fuq riportat, u ghal-liema l-attur hassu libellat, kienetx hekk bazata fuq allegazzjoni ta' fatt li kienet sostanzjalment vera;

Mill-vizjoni tal-filmat l-inferenza li tingibed hi li l-attur kien b'xi mod implikat fl-incident tal-fenek jew li ghallanqas ttollera l-wiri tieghu u dak tar-reat ta' mohqrija ta' dan l-annimal dwar liema l-*headline* ta' l-ahbar espressament kienet tirreferi.  Ir-realta tal-filmat kjarament tesponi din l-assocjazzjoni.  Huwa inutli, fil-fehma tal-Qorti, illi l-appellanti jittanta jaghti lil dak il-kumment tieghu t-tifsira minnu prospettata illi l-attur kien f'posizzjoni li jassisti lill-Pulizija biex tkun maghrufa l-persuna li wettqet ir-reat. Dan ghaliex il-kuntest u c-cirkustanzi ta' dak il-kumment, fil-kwadru globali u unitarju tal-filmat, ma kienetx taghmlu dik it-tfisira intiza mill-editur ta' l-istazzjon izda x'fehem is-semmiegh ordinarju ta' dik l-ahbar.  Pjuttost dik it-tifsira tista' titqies bhala "*the sting of the libel*";

Huwa veru dak sottomess mill-appellanti illi x'kienet l-intenzjoni ta' l-attur meta tela' fuq dak il-bejt fejn kien imdendel il-fenek ma kienetx tistabilih kamera tal-films.

Daqstant iehor, pero`, huwa veru wkoll illi kieku l-editur irricerka l-fatti sew qabel ma xandarhom kien ikun f'posizzjoni ahjar li jkollu l-kwadru komplet u veraci ta' dak li ssuccieda u l-aktar dik tal-presenza ta' l-attur fuq dak il-bejt. Kif korrettement hafna ritenut "l-allegazzjoni tal-fatti ghandha turi x'kienu l-fatti kollha, u l-prova tal-verita` ghandha tinkontra l-akkuza. Jekk jithalla barra xi dettal importanti u fondamentali tal-fatti, ma hemmx narrazzjoni sewwa tal-fatti. Min jikteb ghandu jghid il-fatti kif kienu sewwa u mbaghad ihalli lill-qarrej jiggudika. Jekk xi cirkostanzi fondamentali tigi tacjuta, il-qarrej ma jistax jifforma koncett gust tal-fatti" ("**Dominic Mintoff -vs- Thomas Hedley *et nomine***", Appell Kriminali, 28 ta' Novembru, 1953);

Ezami objettiv tal-filmat ma jistax ma jwassalx ghall-istess konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti ghaliex, fir-realta, il-filmat ipprogetta lill-attur f'assocjazzjoni partecipattiva ma' incident mistmerr u li dwaru l-provi wrew li ma kellu xejn x'jaqsmu mieghu. Ara ghal dik li hi assocjazzjoni libelluza ta' esposizzjoni ta' ritratt ta' tfajla ma' kummenti f'artikolu ta' gurnal dwar il-presenza ta' bahrin f'gziritna, is-sentenza tal-Prima' Awla, Qorti Civili, ta' l-4 ta' Ottubru, 1999 fl-ismijiet "**Maria Bonello -vs- John Formosa *nomine***", (Citazzjoni Numru 1979/79 AJM);

In tema ta' dritt l-appellanti jirrikorri ghall-principju fundamentali ta' l-espressjoni libera. Jevita pero` li jsemmi illi l-liberta ta' l-espressjoni hi kondizzjonata, kwantu ghal-legittimita` ta' l-ezercizzju taghha, ghall-osservanza tal-limiti tal-korrettezza ta' l-esposizzjoni. Dan fis-sens illi jkun assikurat illi ma jigix eccedut il-limitu ta' dak li hu strettament necessarju ghas-sodisfaciment ta' l-interess pubbliku. Kienet il-Qorti ta' l-Appell kolleggjali illi filwaqt li osservat li l-izvilupp tal-ligijiet wessghu l-konfini tal-legittimita tad-dritt ta' l-espressjoni, tenniet ukoll illi dak l-istess zvilupp fis-sistema legali taghna ma jissarrafx f'passaport ta' immunita. Ara "**Richard Vella Bamber -vs- Felix Agius *et***", 20 ta' Lulju, 1994. F'kazijiet ta' din ix-xorta hu dejjem desiderabbli illi l-interpretu jfittex dik il-

qaghda oggettiva tal-bilancjament bejn it-tutela tad-dritt soggettiv ghall-espressjoni tal-fehmiet liberi u dak tal-harsien soggettiv ghar-reputazzjoni, id-dinjita u l-imagini personali tas-singolu fis-socjeta`. Li jfisser, illi anke koncessa l-latitudni xierqa ghall-espressjoni libera f'materja ta' notizja ta' interess pubbliku, ir-ricerka trid dejjem tkun jekk it-telespettatur jew il-qarrej jew is-semmiegh tqieghedx fil-posizzjoni li jkollu quddiemu l-fatti kollha, fil-verita shiha taghhom. Ma jistax allura jkun pretiz illi taht il-paraventu tal-liberta ta' l-espressjoni tinghata licenzja li wiehed jirrapprezenta l-fatti kif irid u jaqbillu anke jekk jinstab li dawn ma humiex hekk rapprezentativi tal-fatti veri kif issuccedew. Ma jidherx lanqas li s-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, jikkoncedu, f'dawn id-dati cirkustanzi, xi brevett ta' immunita mill-konsegwenzi guridici li jitnisslu mill-hsara tar-reputazzjoni u l-unur ta' haddiehor;

Kwantu ghas-sottomissjoni l-ohra ta' l-appellanti illi l-attur kien messu adopera r-rimedju lilu moghti mil-ligi taht l-Artikolu 21 ta' l-Att dwar l-Istampa (Kapitolu 248), qed jigi l-ewwelnett osservat illi dan l-istess rimedju mhux wiehed assolut. Fuq din is-sottomissjoni tghodd, imbaghad l-espressjoni ta' fehma tal-Qorti ta' l-Appell fejn din affermat illi "f'sitwazzjoni simili indubbjament l-appellant ma jistax jippretendi illi seta' jezimi ruhu mir-responsabilita` ghall-malafama minn komment semplicement billi jippretendi illi l-attur seta' dejjem kiteb lill-editur tal-gazzetta u jitlob li tigi ppubblikata rettifika. Dan ir-rimedju, illi l-ligi wkoll tipprevedi, ma kien bl-ebda mod jissostitwixxi jew jaghmel tajjeb ghad-dritt li persuna malafamata kellha ghar-rizarciment tad-danni. Dan proprju ghaliex pajjiz demokratiku kien jixraqlu li jkollu stampa hielsa imma stampa responsabbli li kienet obbligata wkoll illi, entro l-limiti stabbiliti, topera fir-rispett xieraq tal-persuni li jattiraw l-attenzjoni taghha bhala oggett ta' kritika jew kumment" ("**Onorevoli Perit Charles Buhagiar -vs- Ray Bugeja *nomine***", 25 ta' Mejju, 2001). Kull kumment agguntiv ta' din il-Qorti ghal din l-enuncjazzjoni ma jistax ma jitqiesx zejjed.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell u tikkonferma *in toto* s-sentenza appellata, bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-konvenut appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------